DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 26 ta' April 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 005/2017

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Anthony Farrugia – Uffiċċjal Edukattiv, Primarja

**Suġġett:** Studji Soċjali fis-Sitt Sena Primarja

---

Matul din is-sena skolastika, fil-każ tat-tieni *fieldwork* ta' l-Istudji Soċjali għas-sitt sena, ser jiġu aċċettati bi prova numru limitat ta' gruppi għal taħriġ prattiku fit-tempji ta' Ħal Tarxien. Dan it-taħriġ prattiku huwa marbut mas-suġġett 'Qabel il-Kitba' u qiegħed jiġi organiżżat b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija *Heritage Malta.*

Il-klassijiet tas-Sitt Sena jistgħu jibbukkjaw is-sessjoni tagħhom billi jċemplu fuq in-numru 21695578. Meta l-għalliem iċempel fis-sit biex isir l-appuntament għandu jgħarraf lill-istaff ta' *Heritage Malta* li se jkun qed isir it-taħriġ prattiku (*fieldwork).* Wara t-telefonata, il-*bookings* jiġu kkonfermati permezz ta' *email* li tasal għand l-għalliem/a.

**Dwar it-taħriġ prattiku (*fieldwork)*:**

1. Fit-tempji ta' Ħal Tarxien jistgħu jidħlu sa klassi waħda (massimu ta' 30 student) f'daqqa.
2. Ser ikun hemm sessjoni waħda f'ġurnata u din ser tibda fid-9.00 a.m. u tispiċċa fil-11.00 a.m.
3. Il-*bookings* ser jiftħu mit-tieni ta' Mejju u jibqgħu sejrin sa l-aħħar tax-xahar.
4. Matul iż-żjara għandhom jiġu segwiti r-regolamenti kollha maħruġa minn *Heritage Malta*. Ir-regolamenti jinsabu fuq il-websajt: www.heritagemalta.org.
5. L-istudenti huma mistennija li jkollhom magħhom:
   - (i) kopja tal-ktejjeb tal-*fieldwork* uffiċjali li jinsab fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt
   - (ii) żewġ lapsijiet, gomma, eċċ.
   - (iii) *field-board* biex jiktbu fuqha.
6. Billi dan it-taħriġ prattiku jifforma parti mill-assessjar uffiċjali tal-aħħar tas-sena, is-sessjoni titmexxa biss mill-għalliem/a tal-klassi u **fl-ebda ħin** l-istudenti m'għandhom jitolbu l-għajnuna tal-impjegati ta' *Heritage Malta* li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom fuq is-sit.
7. It-trasport lejn is-sit u lura lejn l-iskola huwa responsabbiltà tal-iskejjel.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**